MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 212/2010

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Raymond Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta’ Novembru, 2009, Dicembru, 2009 u Jannar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil Rose Marie Agius u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi jekk sar zball jew nuqqas dan zgur ma kienx da parti ta’ l-appellant u qatt ma jista’ jehel ta’ xi haga li qatt ma kellu kontroll fuqha – mhux talli hekk, talli huwa pprezenta r-risposta tieghu ghat-talba ta’ manteniment fil-kawza li twassal ghal separazzjoni personali fit-terminu stabbilit, u jekk is-sistema legali taghna fejn jigi appuntat Assistent Gudizjarju biex jisma x-xhieda mhix wahda perfetta, specjalment ghal mod ta’ kif jigu mdahhlin rikorsi, digrieti u traskrizzjonijiet, m’ghandhux tort l-appellant.

Illi d-digriet originali fejn gie ordnat il-manteniment kien ibbazat fuq il-premessa li l-appellant kellu nuqqasijiet kif allegati minn martu. Meta huwa wiegeb, dan ta informazzjoni preciza bhal ma huma l-fatti li t-tlett itfal jghixu mieghu, li l-mara kkommettiet adulterju, u li hi tahdem minghajr ktieb tax-xoghol fil-lukanda Preluna tbiegh time-share kif ukoll. Illi huwa totalment zbaljat li l-appellant ma nghata l-ebda protezzjoni meta fil-fehma tieghu sar zball iehor fejn inghata digriet fis-17 ta’ Marzu

2010 li vera amenda l-ammont ta' alimenti li gie riviz sewwa l-isfel izda ma semma xejn dwar ix-xhur ta' qabel.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant meta rinfacjat bix-xenarju konfuz ta' hawn fuq, qatt ma setgha jhallas manteniment ghax-xhur ta' Novembru 2009, Dicembru 2009 u Jannar 2010 stante li kien ferm naturali li hu kien ser jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu peress illi dan huwa principju ta' gustizzja naturali *audi alteram parte.* Konsegwentement m'ghandu l-ebda htija li f'dak iz-zmien (Novembru 2009, Dicembru 2009 u Jannar 2010) meta kien akkuzat, huwa baqa' fi status quo jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu.

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena nflitta kienet eccessiva, meta tenut kont tas-sitwazzjoni ngusta w minghajr ebda htija da parti ta' l-appellant, huwa nghata piena karcerarja.

Rat illi fl-udjenza tal-lum 24 ta' Jannar, 2011 jidher illi sar il-hlas effettiv ghall-Novembru 2009, Dicembru, 2009 u Jannar 2010.
Ghalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Mejju 2010 waqt illi qed tikkonferma s-sejbien ta' htija ta' l-appellant skond is-sentenza fl-ismijiet premessi, qed thassarha f'dik il-parti fejn kien ikkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok qed tikkundannah ihallas ammenda ta' disgha w hamsin Euro (€59).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------